MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1792/2004

**Joseph u Michelina konjugi Camilleri f'isimhom proprju u kif ezercenti n-negozju « Florence Stationary »**
**vs**

**Salvu u Monica konjugi D'Amato f'isimhom proprju u in rappresentanza ta' binthom Charmaine D'Amato u b'nota tat-22 ta' Marzu, 2005 Charmaine D'Amato assumiet l-atti f'isimha proprju**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Settembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00), jew somma ohra verjuri li tigi stabbilita, jekk ikun il-kaz anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti spejjez inkorsi mill-atturi ghat-tiswija ta' vetrina tal-hgieg, kif ukoll spejjez ghat-tiswija ta' arloggi kontenuti fl-istess vetrina, liema vetrina kienet sitwata go « Florence Stationary » u**

**tkissret unikament minhabba l-agir tal-konvenuta Charmaine D'Amato, fl-4 t'April, 2004.**
**Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra legali datata 14 t'April, 2004 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fid-19 t'Ottubru, 2004, fejn intqal :**
**Preliminarjament, il-konjugi D'Amato ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huma fl-ebda hin ma kienu fil-hanut tal-atturi fil-jum indikat.**
**Sekondarjment, it-talbiet kif dedotti fil-konfront ta' Charmaine D'Amato wkoll ghandhom jigu respinti stante illi hija maggorenni u ghalhekk kellhom jigu ntavolati f'isimha personalment.**
**Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi ma humiex il-legittimi kontraditturi tal-konvenuti stante illi l-allegata vetrina hija reklam u ghalhekk sta ghas-sid proprju li jintavola kull azzjoni.**
**Fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost Charmaine D'Amato ma setghet qatt kienet responsabbli ghall-akkadut stante illi :**
**a. fil-hin tal-incident kien hemm hafna nies ;**
**b. kien sta ghalihom illi jiehdu hsieb illi jaraw li min ikun fil-kuritur quddiem il-bank ikollu spazju bizzjjed biex jimmanuvra ;**
**c. fil-hin tal-akkadut hija kienet hdejn il-bank thallas il-gazzetta u l-istess fl-ebda hin ma agixxiet b'xi mod traskurat, negligenti jew xort'ohra li jirrendiha responsabbli.**
**Fil-hames lok, minghajr assunzjoni ta' xi htija, it-talba hija wahda eccessiva u esagerata stante illi fil-presenza tal-incident, a tempo vergine, ic-cifra li semmiet kienet ta' hamsin lira (Lm50.00) u qatt ta' mitejn lira (Lm200.00)**
**Fis-sitt lok u minghajr pregudizzju l-ebda hsara ma setghet issir lill-vetrina ndikata a tempo vergine stante illi din kienet tal-plastic.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Camilleri, Mikelina Camilleri, PS1448 Victor Buttigieg, Charmaine D'Amato, Salvu D'Amato, Lourdes Caruana. Ha**

**konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.**

**Ikkunsidra :**

**1. L-atturi qed ifittixu lill-konvenuta ghad-danni li din ikkagunatilhom fil-hanut taghhom « Florence Stationary », fiz-Zurrieq, meta din waqqghet vetrina li kien fiha arloggi li kienet tinsab fl-imsemmi hanut.**

**2. Din il-vetrina tidher cara fid-Dok.JC1 sa Dok.JC6 esebiti. Ir-ritratt Dok.JC1 juri fuq x'hiex kienet impoggija din il-vetrina. F'dan il-kuntest it-Tribunal jinnota zewg affarijiet li l-vetrina ma kienetx imrekkna, kif ukoll li din ma kienetx marbuta mal-bazi taghha. Dawn il-fatturi irrendew din il-vetrina soggetta li tista' tintlaqghat facilment u konsegwentement taqgha kemm il-darba tintlaqghat, kif fil-fatt gara.**

3. **Biex il-konvenuta tigi kkundannata thallas id-danni li garrab l-attur, irid jigi ppruvat li dawn id-danni graw minhabba att volontarju da parti tal-istess konvenuta jew minhabba negligenza da parti taghha. L-oneru li jgib din il-prova jinkombi fuq l-atturi.**

**4. Michelina Camilleri tghid li** fl-4 ta' April, 2004, **kienet dahlet Charmaine D'Amato u zewgt ihbieb taghha. Wahda mill-hbieb talbitha gazzeta u taghtilha. Talbitha borza u taghtilha wkoll.**

**5. Michelina Camilleri spejgat dak li gara hekk:**

**"Charmaine mxiet lura u laqtet il-vetrina hi u hierga. Zewgi kien staqsiha wegghetx, staqsiha biex tghid lill-ommha u din cemplet bil-*mobile* taghha lill-ommha, u ommha qaltilha biex tirranga hi. Hi ammettiet quddiem il-Pulizija li konna gibna wara l-incident."**

**"Dwar kif imxiet, jiena nghid illi hi imxiet lura u dan wara li telqet mill-bank. Meta laqtet il-vetrina daharha kien ghadu lejn il-vetrina………. Hi imbuttat il-vetrina b'idejha. Hi daret f'salt."**

**6. Jirrizulta mill-istess xhieda, kif gja rilevat mir-ritratti li din il-vetrina tisporgi il-barra, u kien hemm nies ohra fil-hanut.**

**7. L-attur Joseph Camilleri jispjega li kien sema' oggett jaqa' b'tisbita, u kien hemm tlett tfajliet fil-hanut, u sab il-vetrina mal-art. Din il-vetrina kien fiha bejn 28 sa 30 arlogg, ghalkemm joqghodu izjed. Kienet il-boghod mill-*counter* minn fejn ibiegh, xi metru jew metru u nofs. Camilleri xehed hekk:**
**"Jiena kont rajt lil Charmaine D'Amato, kont rajtha timxi pass lura u waqqghet il-vetrina u malli waqqghet il-vetrina huma bdew jidhqu. Jiena staqsejthom kif ser jirrangaw. Ghidtilha iccempel lil-genituri taghha."**

**8. Kif xehed PS 1448 Victor Buttigieg, meta kellem lill-konvenuta din qaltlu li incidentalment laqtet il-vetrina b'idha.**
9. **Mill-provi mismugha ma jirrizultax li gie pruvat li dak li gara, sehh b'xi negligenza da parti tal-konvenuta. Jirrizulta minflok illi il-vetrina, tenut kont li l-hanut huwa zghir, qatt ma messa tpoggiet f'post fejn jekk wiehed jolqotha ftit din taqa'. Wiehed irid iqies li bin-nies fil-hanut, il-vetrina kif imqieghda kienet f'posizzjoni mhux adatta. Ghalhekk it-Tribunal ma jsib ebda tort fil-konvenuta ghad-danni li graw. Lanqas ma jista' jinghad li kien hemm xi ammissjoni tal-htija kif qed jipprovaw jallegaw l-atturi.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------